KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Kontinwazzjoni tal-Laqgħa Numru Sitta u Sittin (66)***

***Il-Ħamis, 24 ta' Frar, 2017***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH - skuzat |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsillier Keith Fenech - Approvat

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**<u>MINUTI</u>**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-5.55pm***

## <u>66.1</u> <u>Rendikont Attivita Russian Festival</u>

*Wara l-laqgha li saret mal-organizzatur tar-Russian Festival nhar it-Tlieta, 13 ta' Frar 2017, il-Kunsill fetah id-diskussjoni dwar din il-materja.*

66.1.1 Rigward l-ispejjez tal-attivita' il-Kunsill qabel li kien hemm hafna nuqqasijiet u li hafna mill-affarijiet li kienu diskussi li jsiru qabel l-attivita', ma sarux. Is-Segretarju Ezekuttiv tat rendikont tal-*invoices* mibghuta ghall-hlasijiet ta' din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li minhabba dawn ir-ragunijiet, mill-kont tat-2Minds Events ghandu jithallas biss €656.40 filwaqt li l-kont mibghut minghand *Russian Maltese Cultural Association* m'ghandux jithallas minhabba li ma kien hemm ebda ftehim mal-Assocjazzjoni li l-Kunsill ghandu jhallas din l-ispiza. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

66.1.2 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita' tac-*Cheese and Wine* ta' din is-sena. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret li jekk il-Kunsill jaqbel li ssir din l-attivita', dan ghandu jsir skond ic-Cirkolari Numru 38/2016. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo, il-Kunsilliera Rose Agius u l-Kunsilliera Miriam Schembri qablu li m'ghandu jsir l-ebda attivita' jekk mhix konformi mac-Cirkulari tad-DLG. Ghaldaqstant kien propost li l-attivita' tigi organizzata bit-tema ta' attivitajiet kulturali. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti mal-kumpanija li qed tipproponi din l-attivita, jekk hux lest li jahdem mal-Kunsill biex l-attivita' tiffoka fuq esebizzjonijiet ta' affarijiet tradizzjonali. Il-Kunsilliera Miriam Schembri sostniet li l-andament ta' din l-attivita' ghandu jigi diskuss u maqbul mal-Kunsill kollu.

66.1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet ukoll dwar il-korrispondenza li ntbaghtet mil-Ghaqda Muzikali San Guzepp. F'din il-korrispondenza qed jinfurmaw lil Kunsill li l-Ghaqda ma taqbilx ma attivitajiet tal-massa li jigu organizzati minn individwu wiehed u jaghmel il-qliegh minnhom. Apparti dan, qed jitolbu lil Kunsill biex ma jorganizzax attivitajiet tal-massa ghall-perjodu ta' 35 gurnata qabel l-attivitajiet ta' l-istess ghaqda. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li d-data ta' Jum Hal Ghaxaq tibqa dejjem issir fl-ahhar hadd ta' April filwaqt li l-attivita tac-*Cheese and Wine* ghandha issir fit-22 ta' April 2017.

## 66.2 Karnival 2017

66.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kunsill inghata €5000 finanzjament taht Skema tal-Attivitajiet Kulturali 2017 sabiex jigu utilizzati ghall-organizazzjoni tal-Karnival.

66.2.2 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet dwar *feature* li sar fuq tvm, fejn uriet dizappunt minhabba li il-Kunsill ma ssemmiex. Is-Sindku qal li fil-granet li gejjin se jkollu features ohra fuq stazzjonijiet televizivi lokali ohra sabiex tkompli issir il-promozzjoni ghal din l-attivita.

66.2.3 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar l-incentiv li l-Kunsill kien iddiskuta fl-ahhar laqgha fejn gie propost li jinghata sa massimu ta' €100 kull applikant bhala rimbors ghal spejjez relatati mal-manifattura tal-karrijiet. Ircevuti fiskali ta' dawn il-hlasijiet ghandhom jigi pprezentati fil-laqgha tal-Kunsill.

## 66.3 Bankini Triq Santa Marija, Triq iz-Zejtun, Triq il-Gudja u Triq Filippu

66.3.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-progett sabiex isiru il-bankini ta' Triq Santa Marija. Gew prezentati kwotazzjonijiet mid-Direttorat tal-Implementazzjoni tal-Progetti fejn il-Kunsill jista jinghata haddiema li jistghu jaghmlu l-bankini u l-Kunsill ihallas 30% tal-ispiza tad-Dipartiment tal-Gvern.

66.3.2 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo sostna li il-kwotazzjonijietipprezentati jistghu ma jkunux korretti ghaldaqstant is-Sindku qal li ghandu jerga' jkellem lid-Direttorat biex il-kwotazzjonijiet jigu riveduti.

66.3.3 F'dan l-istadju il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem dwar l-ispiza korretta ta' dan il-progett fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

## 66.4 Kuntratt tat-Tindif u l-Knis tat-toroq

66.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-kuntratt tat-Tindif u l-Knis tat-Toroq wasal biex jiskadi.

66.4.2 Wara diskussjonijiet mal-kumpanija CWSEF, gie propost li dan ix-xoghol jibda jsir mill-haddiema assenjati mal-Kunsill bi prova.

66.4.3 Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li l-kuntratt ezistenti jigi mgedded ghal xahar sakemm ikun hemm il-perjodu ta' prova.

## 66.5 Kuntratti tal-Lettrini Pubblici

66.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kuntratt tal-lettrini Pubblici wasal biex jiskadi ukoll fejn infurmat li kienet avvicinata minn wiehed mil-haddiema li lest li jaghmel dan ix-xoghol.

66.5.2 Wara diskussjonijiet il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xoghol bi prova, f'kaz li jigi nnutat li x-xoghol mhux isir skond il-livell mistenni, jinhareg it-tender.

66.5.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar kumpanija ERL li ghandhom haddiema li jistghu jigu mislufin f'entitajiet tal-gvern biex jaghmlu xoghol ta' *supervising* bix-*shift.* Il-Kunsill qabel li jiddiskuti dwar din il-possibilita'.

## 66.6 Korrispondenza

66.6.1 Tressqet korrispondenza rigward il-garaxxijiet fi Triq ir-Rebbiegha fejn infurmati li tnejn mill-garaxxxijiet huma ghal kiri. Il-Kunsill qabel li jara kemm hi l-ispiza biex jinkrew u jinbiegh il-garaxx tal-Kunsill. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo issugerixxa li l-garaxx tal-Kunsill ma jinbieghx u jibqa propjeta tal-Kunsill. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jistenna sakemm jinghata risposta dwar l-ispiza tal-kirja.

66.6.2 Tressqet korrispondenza rigward statement minghand il-WSC fejn qed juri li l-Kunsill ghandu €10,469 pendenti dovuti lil WSC mill-2009 u l-2012. Il-Vici Sindku qal li ghandhom jintalbu iktar dettalji dwar dawn l-ammonti.

66.6.3 Tressqet korrispondenza rigward permess ghal *bring-in-site* li jrid isir mal-MEPA. Din saret mill-Perit wara li kien hemm rapport li l-*Bring-in-site* ta' Triq G.M.Farrugia jinsabu bla permess. Il-Kunsill qabel li m'ghandu jsir l-ebda permess minhabba li dawn l-iskips huma propjeta' tal-Greenpak.

66.6.4 Tressqet kwotazzjoni rigward *resurfacing* bil-cold tarmac fi Sqaq il-Wilga minhabba li l-isqaq fih hafna hofor. L-ispiza tammonta ghal €850 minghajr VAT l-ewwel bicca, u il-parti ta' gewwa ta' Sqaq il-Wilga tammonta ghal €1000 minghajr VAT. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti din il-kwotazzjoni fejn tintalab li l-ispiza titnaqqas ghal €1500 + vat u tithallas fi zmien 6 xhur. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo staqsa ghall-informazzjoni dwar il-hxuna tat-tarmac. Is-Sindku Darren Abela qal li se jistaqsi.

66.6.5 Tressqet korrispondenza rigward talba ghal *sleeping police* fi Triq San Gorg kantuniera ma Triq Dwardu Buttigieg. Il-Kunsill qabel li ssir it-talba lit-TM. Is-Sindku Darren Abela ressaq talba ohra ghal *sleeping police* fi Triq in-Narcis. Il-Kunsill qabel li ssir talba lit-TM.

66.6.6 Gew ipprezentati l-applikazzjonijiet tal-PA. Hadd ma kellu oggezzjoni.

66.6.7 Tressqet korrispondenza dwar stedina lis-Sindku sabiex jattendi il-Jum ta' Celebrazzjoni tal-Kullegg San Benedittu. Il-Kunsill qabel li titressaq fil-laqghat li jmiss.

66.6.8 Tressqet kwotazzjoni minghand Parker Randall Turner dwar l-Fixed Assets Register. Il-kwotazzjoni tammonta €4800 minghajr VAT. Il-Kunsill ma qabilx li jhallas din l-ispiza.

**66.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

66.7.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem mal-erbgha sidien li joqghodu fi Triq il-Qattus fejn qal li hemm qbil li tinfetah it-triq.

66.7.2 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar laqgha li kellu ma' rapprezentant mill-MCAST fejn qed joffru servizzi ta' restawr, u l-Kunsill ihallas il-materjal. Il-Kunsill qabel li ssir l-applikazzjoni tal-PA u jipprovdi l-iscaffolding, kif ukoll jitlob lil Enemalta biex jitnehhew il-wires minn maghha.

66.7.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-*costings* tal-Bandli l-gdid. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ssugerixxa li jinbidel l-*equipment biss*. Il-Kunsill qabel li ghandu jnnaqqas l-ispiza.

**66.8 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

66.8.1 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo irraporta bozza numru 2 fi Triq Ta' Kalamija, bozza numru 2 fi Sqaq Vova u bozza mitfija fi Triq is-Salib.

66.8.2 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ppropona li Trejqet Kalamija tinghata *patching*. Il-Kunsill qabel li jgib kwotazzjoni.

66.8.3 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm bzonn madwar hames kurduni fi Triq il-Hannieqa. Il-Kunsill qabel li jitlob il-qisien u jara kemm ghandha bzonn.

66.8.4 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li f'Dawret Hal Ghaxaq quddiem il-meccanic hemm hofra.

66.8.5 Il-Kunsilliera Miriam Schembri qalet li gie ipprezentat parti mill-*comic book*.

**66.9 Tmiem tal-Laqgha u d-data tas-Seduta li jmiss**

66.9.1 Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 15 ta' Marzu 2017 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |